31993L0050

L 205/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.8.1993

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/50/KEE

tal-24 ta' Ġunju 1993

li tispeċifika ċerti pjanti mhux elenkati fl-Anness V, il-parti A tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE, li l-produtturi tagħhom, jew l-imħażen, ċentri tad-dispaċċ fiz-zoni tal-produzzjoni ta' dawk il-pjanti, għandhom ikunu elenkati f'reġistru uffiċjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/19/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 6(7), il-ħames inċiż,

Billi, bil-ħsieb tal-produzzjoni ta' ċerti prodotti mhux elenkati fl-Anness V, il-parti A li jinsab ma' l-imsemmija Direttiva, bħala ma hi l-patata apparti milli l-patata taż-żergħa, jew frott ta' Citrus L., Fortunella Swingle, Poncirus Raf. u l-ibridi tagħhom, li m'humiex infestati jew infettati bl-organiżmi li jagħmlu l-ħsara riferiti fid-Direttiva 77/93/EEC, u għal-immonitorjar adekwat mill-Istati Membri ta' dik il-produzzjoni, huwa meħtieġ li ssir lista tal-produtturi ta' l-imsemmija prodotti jew fejn ikun aktar jaqbel, l-imħażen kollettivi jew ċentri ta' dispaċċ fiz-zoni tal-produzzjoni ta' dawn il-prodotti f'reġistru uffiċjali lokali, reġjonali jew nazzjonali;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-produtturi, jew imħażen kollettivi, jew ċentri tad-dispaċċ fiz-zoni tal-produzzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva għandhom ikunu elenkati f'reġistru uffiċjali lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva fid-data referita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/683/EEC [3]. Huma għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal dik ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom minnufih jikkomunikaw mal-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fl-24 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[2] ĠU L 96, tat-22.4.1993, p. 33.
[3] ĠU L 376, tal-31.12.1991, p. 29.

L-ANNESS

1. Tuberi *Solanum tuberosum* L., apparti milli l-patata taż-żergħa.

2. Frott taċ-*Citrus* L., *Fortunella Swingle, Poncirus Raf.,* u l-ibridi tagħhom.